MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Numru 865/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**OMISSIS**
**FERHAT GUELLOUMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN BUGEJA** ta' sitta w tletin sena bin missier mhux maghruf u Doris Bugeja, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Jannar 1965 u joqghod 'Morning Star Flats' Fat 4, Triq Viani, Sliema detentur tal-karta tal-identita numru 21765M u **FERHAT GUELLOUMA** ta' hamsin sena ta' nazzjonalita Algerina, bin Boudzia u Gueibadg omm Elher, imwieled Laghouat nhar s-sittax ta' Novembru 1951 u residenti 54, Triq Mannarino, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita` numru 23712M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fil-jiem u gimghat qabel t-tlettax

ta' Ottubru 2002, f'diversi postijiet f'Malta, bi hsieb li jghamlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jghamlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghamlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta jew li sew f'Malta sew barra minn Malta, kkonguraw f'dak is-sens ma xi persuni ohra.

Talli wkoll fil-jiem u gimghat ta' qabel t-tlettax ta' Ottubru 2002 f'diversi postijiet f'Malta, assocjaw ruhhom flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Lil **John Bugeja wahdu** talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Awissu 2003 esibiti a fol 129 tal-atti.

Rat c-certifikat tal-mewt tal-imputat John Bugeja esibit mill-Ufficjal Prosekutur nhar s-sitta ta' Ottubru 2003 [fol 135 tal-atti] fejn hemm dikjarat li l-imsemmi imputat John Bugeja miet nhar s-sbatax ta' Awissu 2003 u ghalhekk **tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-imputat John Bugeja**.

Semghet lil imputat Ferhat Guellouma jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta ta' nhar il-hamsa ta' Ottubru 2004 kif jirrizulta a fol 144 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed l-Ispettur Sandro Zarb** [fol 54 et seq tal-atti] fejn qal li nhar t-tlettax ta' Ottubru 2002 huwa kien gie nfurmat mill-Ispettur Nezren Grixti li waqt li kienu qed jaghmlu xi xoghol f'Hal

Qormi, gew arrestati disgha persuni ta' nazzjonalita Tunezina, li rrizulta li kienu Malta bla permess mill-awtoritajiet koncernati. Illi sussegwentement dawn in-nies gew mressqa l-Qorti nhar l-erbatax ta' Ottubru 2002 w inharget kontra taghhom ordni ta' tnehhija skond l-Att tal-Immigrazzjoni. Matul l-kors tal-investigazzjoni, dawn l-istess barranin stqarrew mal-Pulizija Ezekuttiva li huma kienu qed jinzammu gewwa fond, ghaliex kienu taw xi flus lil xi persuna ta' nazzjonalita Egizzjana bl-isem ta' Ali El Masri, biex jharrabhom. Meta l-Pulizija dahlet fil-fond f'din l-investigazzjoni rrizulta li whud minn dawn in-nies kienu qed jghixu fl-istabbiliment St. George's Park fejn kienu ltaqghu ma persuna bl-isem ta' Ferhat Geullouma li kien weghdhom li bi hlas ta' flus, setgha jirrangalhom biex jmorru l-Italja. Il-Pulizija identifikaw lil imputat bhala l-persuna li c-cittadini Tunezini qalulhom li kien ser jghinhom ghaliex kienu ghaddewlu xi flus. Il-Pulizija tkellmet ma Sami Khalifa u Karim Zafran li qalulhom li l-imputat kien ser isifierhom permezz ta' lanca misjuqa minn certu Ali El Masri lejn l-Italja.

Illi **nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 xehed l-Ispettur Nezren Grixti** [fol 52 et seq tal-atti] fejn qal li nhar t-tlettax ta' Ottubru 2002, huwa kien ghamel *raid* flimkien ma xi membri tad-Drug Squad fil-fond numru 51, Pjazza San Frangisk, Sqaq numru 1, Hal Qormi wara li kellu nformazzjoni li f'dan il-fond kien hemm xi droga. Huma dahlu fil-post u hemmhekk sabu zewg maltin li wiehed minnhom certu Marius Magri minnufih stqarr mal-Pulizija li fil-fond kien hemm disgha minn nies ta' nazzjonalita Tunezina u li effettivament ghaddewhom ghal aktar investigazzjoni.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 xehed Sami Khalifa** [fol 24 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien wasal Malta permezz ta' ajruplan minn Tunez. Huwa wasal wahdu pero kien ghamel booking f'lukanda f'San Giljan bl-isem La Vallette Resort. Dan nonostante pero huwa nstab f'Hal Qormi fil-kumpanija ta' xi nies ohra wkoll ta' nazzjonalita Tunezina. Huwa spjiega li waqt li kien fil-La Vallette Resort, kien iltaqa ma Tunezin iehor bl-isem ta' Karim Zafran, li cempel lil persuna bl-isem ta' Ferhat

Geullouma u dan mar jiltaqa maghhom fir-resort. Huwa kkonferma li Ferhat Guellouma huwa l-imputat odjern. Huwa mar ghalihom bil-vettura tieghu Peugeot hamra mudell 106 w ghenhom jhassru l-*booking* li kellhom peress li kienu ser jitilqu mill-lukanda qabel il-waqt. Ferhat qalilhom li kien ser johodhom l-Italja jew dakinhar stess filghaxija jew filghodu. Fil-karozza maghhom kien hemm wkoll mara. Waqt li kienu mexjin, f'xi hin minnhom, l-imputat ghamel xi telefonati u waqaf ma gemb karozza ohra ta' kulur abjad, li fil-fatt kienet misruqa mill-ko-akkuzat l-iehor John Bugeja. Ferhat Guellouma qalilhom biex jinzlu mill-karozza tieghu u jirkbu ma John Bugeja fejn kien hemm xi nies ohra. Huwa iddeskriva l-vettura ta' John Bugeja bhala vann kollu maghluq. Huwa hallas lil Ferhat Guellouma is-somma ta' sebgha mija u disghin euro u hames liri maltin waqt li Karim Zafran tah tmien mitt euro. Dan John Bugeja mbaghad akkumpanjhom fil-post fejn instabu mill-Pulizija gewwa Hal Qormi. Huwa qaghad f'din d-dar mill-ghoxrin ta' Settembru sat-tlettax ta' Ottubru u ma hareg qatt tul dan il-perjodu kollu. Kien huwa u Karim Zafran li waslu l-ewwel fuq il-post u wara, filghaxija tal-istess jum, waslu erbgha Tunezini ma bniedem li jismu Ali El Masri u ghalhekk kienu sitt barranin. Fil-granet ta' wara, dan Ali El Masri, li huwa ddeskriva bhala Egizzjan, beda igib nies barranin ohra, gieli tnejn u gieli aktar sakemm fl-ahhar spiccaw hmistax il-ruh. Wiehed minn dawn il-hmistax semma li missieru kien indispost u ghalhekk telaq minn rajh u spiccaw grupp ta' erbatax. Dan Ali El Masri qalilhom li kienu ser jsiefru b'dghajsa u suppost soggorn ta' ftit jiem spicca aktar fit-tul ghaliex Ali El Masri kien dejjem izid in-nies fil-post pero kien jghidilhom li t-temp ma kienx sabih. Mistoqsi kemm kien jithallas Ali El Masri, ix-xhud wiegeb li mhux dejjem l-istess, pero bejn elf u mitejn euro u disgha mitt euro. Dan ix-xhud ikkonferma li huwa hallas lil imputat Ferhat Guellouma waqt li kien riekeb mieghu u li kellu fiducja kbira fih li ma kienx ser jittradih. Mistoqsi jekk inghatax ricevuta, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 xehed Karim Zafran** [fol 30 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien gie minn Tunez bl-ajr nhar d-dsatax ta' Settembru 2002 u mar

jirrisjedi fir-resort La Vallette f'San Giljan. Waqt li kien ghadu l-ajruport, iltaqa ma Sami Khalifa u flimkien mieghu marru l-lukanda. Huwa kkonferma li l-imputat Ferhat Guellouma jafu u li kien qed jirranga lilu u lil siehbu Sami Khalifa biex jmorru l-Italja. Kien hu pero li cempel lil imputat wara li kien gie moghti n-numru tat-telefon tieghu minn Tunezini ohra. L-imputat mar ikellimhom l-lukanda u wara huwa, Sami Khalifa u l-imputat rikbu flimkien f'karozza Peugeot hamra flimkien ma mara mbacca. Huma bdew jduru bil-vettura meta f'daqqa wahda waslet vettura ohra bajda misjuqa minn John Bugeja, waqfet ma gembhom u huma nizlu mill-vettura ta' Ferhat Guellouma, talabhom il-flus, huwa tah tmien mitt euro u Sami Khalifa tah sebgha mija hamsa w disghin euro u hames liri maltin u wara rikbu l-vettura ta' John Bugeja. Dan John Bugeja akkumpanjhom fid-dar fejn eventwalment nstabu mill-Pulizija. Kienu l-ewwel li dahlu fil-fond izda wara bdew jaslu barranin ohra wkoll ta' nazzjonalita Tunezina. Huwa kkonferma li wiehed minnhom telaq minn rajh ghaliex missieru kien indispost u ghalhekk spiccaw erbatax il-ruh. Lilu qalulu li kienu sejrin l-Italja u li biex jaslu kienu ser jiehdu xi saghtejn. Mistoqsi kienx cert li l-flus ghaddihom lil imputat Ferhat Guellouma, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 xehed Abdelfettah Baya** [fol 34 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien wasal minn Tunez u mar joqghod f' lukanda Tas Sliema. Hemmhekk iltaqa ma persuna ta' nazzjonalita Egizzjana bl-isem ta' Ali El Masri li offrietlu tiehdu l-Italja versu l-korrispettiv ta' elf euro. In effetti tah is-somma ta' disgha mija u hamsin euro u gie akkumpnjat f'post ta' Mario tal-hut, u dan kien weghdu li kien ser jakkumpanjah b'dghajsa lejn l-Italja ghaliex dan kien xogholu.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 xehed Fethi Dridi** [fol 37 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien gie akkumpanjat f'dar f'Hal Qormi minn certu Ali El Masri bl-intendiment li jitlaq lejn l-Italja flimkien ma nies ohra. Huwa qaghad fl-istess fond xi ghoxrin jum jistenna li jittiehdu lejn l-Italja.

Illi l-imputat **Ferhat Guellouma ma xehedx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxja stqarrija** skond l-ligi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2002 li giet mmarkata bhala dokument SZ 3 [fol 61] fejn huwa cahad l-partecipazzjoni tieghu fir-reat addebitat lilu u cioe dak in desamina.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Ferhat Guellouma huwa akkuzat talli ttraffika f'persuni b'mod illegali biex l-istess persuni jitilqu minn Malta b'mod klandestin.

Illi din l-akkuza u cioe l-artikolu 377A tal-Kap 9, jiddisponi li huwa reat kull min bi hsieb li jaghmel xi qligh, ikun ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta jew li kkongura f'dak is-sens ma xi persuna ohra.
Illi dan r-reat ta' kongura huwa konsmat appena ikun hemm ftehim, mhux bhal f'kaz ta' attentat u hemm bzonn il-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt. Fir-reat ta' kongura, bniedem jista jinstab hati talli huwa ftiehem li jikkommetti reat.

Illi ghalhekk l-*actus reus* ta' reat ta' kongura ghandu tlett elementi:

1. il-ftehim;
2. il-patijiet tal-ftehim; u
3. is-sugeett tal-ftehim.

Fil-fatt, skond l-awtur Ingliz **Blackstone** fil-ktieb ***Criminal Practice***, il-ftehim hu l-essenza tal-kongura.

Fil-fatt **G. Orchard** fl-artikolu ***Agreement in Criminal Conspiracies*** jissuggerixxi li ftehim jinkludi " *A method of minds*".

Kif jghid il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu [Vol 11 - pg. 5 - 6]:
*"This is not mere intention, but the announcement and acceptance of intentions."*

Huwa necessarju, kif gie ritenut fis-sentenzi Inglizi ***R v O Brian*** [1974 3 ALL ER 663] u ***R v King*** [1966 Crim. L. R. 280] li:

*"The parties must have reached a determined conclusion and must be beyond the stage of merely considering the possibilities of committing a crime."*

Gie stabbili fis-sentenza ta' ***Scott*** [1979 - 68 CR App R 164] li:

*"Bearing a meeting of minds, the agreement has necessarily to be communicated to the party or parties. Case law has established that communication does not necessarily require a face-to-face meeting with all the participants."*

Fis-sentenza ***R v Brisac*** [1803 4 East 164 A L 171] il-Qorti rriteniet li prova tal-ezistenza ta' kongura hija generalment:

*"A method of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them."*

Dwar il-kwistjoni tas-suggett tal-ftehim, huwa necessarju li jinvolvi kummissjoni ta' *substantive offence*. Ir-reat huwa kkonsmat appena jkun hemm il-ftehim li jsir xi haga kontra l-ligi u mhux li tara dak li effettivment sehh.

Fis-sentenza ***Churchill v Walton*** [1967 - 2 AC 236 cf] il-**House of Lords**, iddefiniet il-*mens rea* tar-reat ta' kongura bhala "*an intention to be a party to an agreement to do an unlawful act*."

Fil-fatt il-**Law Commission** fir-rapport taghha ***Report on Conspiracy and Criminal Law*** No. 76 para 7.2 jiddisponi s-segwenti:

*"A person should be guilty of conspiracy if he agrees with another person that an offence shall be committed. Both*

*must intend that any consequence specified in the definition of the offence will result and both must know of the existence of any state of affairs which it is necessary for them to know in order to be aware that the course of conduct agreed upon will amount to the offence."*

Fil-fatt dan r-reat ta' kongura gie trattat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'zewg sentenzi li nghataw recentement u cioe dik ta' **Repubbblika ta' Malta v Steven John Coddrick et** d***eciza nhar s-sitta ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri*** u dik ta' **Repubbblika ta' Malta v Meinrad Calleja** ***deciza mill-istess Qorti nhar l-erbgha ta' April 2001***.

***Fis-sentenza ta' Steven John Coddrick***, li kienet tikkoncerna kongura fit-traffikar ta'drogi, il-Qorti Kriminali kienet indirizzat lil gurati biex jikkonkludu li:

*"If there is evidence which shows that agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, than, that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy."*

Pero dan r-ragonament gie michud mill-***Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri*** meta qalet:

*"Evidence of dealing <u>is not necessarily</u> going to show that there was [previously] a conspiracy and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Ghalhekk, fil-fatt kif jghid l-**Onorevoli Tonio Borg** fis-seduta parlamentari numru 96 tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2001:

*"Ma hemmx ghalfejn il-Pulizija jirrekordjaw in-nies biex ikun hemm l-ftehim imma jekk mill-fatti jidher li l-ftehim sar, allura f'dak il-kaz, hemm r-reat."*

Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju peress li tali reat huwa wiehed gdid u ma tantx hemm gursiprudenza dwaru.

Illi l-imputat Ferhat Guellouma gie akkuzat bir-reat ta' kongura per se kif propost fl-artikolu 48A tal-Kap 9, kif wkoll bir-reat ta' kongura fil-kaz ta' traffikar ta' nies u kien ghalhekk li din il-Qorti hasset il-htiega li tispjiega t-tifsira li ghandha tinghata lil kelma "Kongura" taht is-sistema nostrana.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-imputat Ferhat Guellouma kien ftiehem ma John Bugeja li jiehu hsieb it-traffikar ta' numru ta' Tunezini minn Malta ghal Italja. Illi dan il-ftehim sar ma Karim Zafran u kellu japplika wkoll ghal Tunezin iehor Sami Khalifa, illi dawn ingabru mill-lukanda La Vallette, gew akkumpanjati mill-imputat f'karozza Peugeot hamra sa ma hallsu rispettivament il-korrispettiv taghhom ghal tali safra u cioe Karim Zafran hallas elf euro waqt li Sami Khalifa hallas ftit inqas lil imputat Ferhat Guellouma u dan Ferhat Guellouma, staqsihom jirkbu fil-vettura ta' John Bugeja, il-kongittur l-iehor, biex jkompli bil-pjan originali tal-vjagg tieghu lejn l-Italja. Dak li gara wara, u cioe li t-Tunezini nstabu mill-Pulizija f'dar f'Hal Qormi, u ghalhekk ma komplewx bil-pjan taghhom, ma jnaqqasx mill-konsumazzjoni tar-reat u cioe li l-imputat Ferhat Guellouma ghamel qligh billi ghen, assista u habrek persuni ta' nazzjonalita Tunezina billi ghamel kongura fis-sens li jharbuhom minn Malta.

**Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa fl-applikazzjoni tal-piena taghha, ghalkemm l-imputat ghandu fedina penali tajba u trid tibghat messagg lis-socjeta li tali traffikar ta' bnedmin mhux ser jigi tollerat mill-Qrati taghna.**

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 337A u 48A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat FERHAT GUELLOUMA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------